KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI MADURO

ippreżentati fl-1 ta' Marzu 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. Id-domandi sostanzjali mressqa mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (Qorti Amministrattiva tal-Kummerċ u ta' l-Industria) (l-Olanda) f'din is-sensiela ta' kawżi huma identiċi għal dawk imressqa mill-istess qorti f'Dokter *et* [2]. Dawn jittrattaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 85/511/KEE tat-18 ta' Novembru 1985, li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll talmarda ta' l-ilsien u tad-dwiefer [3]. Madankollu, din id-darba, il-qorti tar-rinviju titlob kjarifiki dwar problema li għandha inqas x'taqsam mal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer milli mar-regoli tal-proċedura legali.

2. F'Dokter *et*, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkontestaw il-legalità tad-deċiżjoni li jinqatlu l-annimali fl-impriżi agrikoli tagħhom, għar-raġuni li d-deċiżjoni kienet ibbażata fuq analiżi li saret f'laboratorju li ma kienx imniżżel fl-Anness B tad-Direttiva. Fil-każijiet in kwistjoni, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kienu kkontestaw ukoll id-deċiżjoni li jinqatlu l-annimali tagħhom. Madankollu, fis-sottomissjonijiet lill-qorti nazzjonali huma ma invokawx l-argument li l-laboratorju ma kienx imniżżel fl-Anness B tad-Direttiva, għalkemm il-kawżi kienu jirrigwardaw eżattament l-istess laboratorju. Il-qorti tar-rinviju għalhekk tistaqsi jekk iddritt Komunitarju teħtieġx li hija tqajjem ilkwistjoni *ex officio*, minkejja r-regoli nazzjonali ta' proċedura li normalment jostakolaw din l-għażla.

3. Jien diġà ppreżentajt il-fehmiet tiegħi fuq id-domandi sostanzjali fil-konklużjonijiet tiegħi f'Dokter *et*. Ser niffoka hawn fuq domandi sostanzjali ta' liġi ta' proċedura mqajma mill-qorti tar-rinviju u ser nipprova nqiegħed dawn il-kawżi fil-grupp ta' ġurisprudenza li beda minn Peterbroeck [4] u van Schijndel u van Veen [5]. Nista' ninnota, madankollu, li huwa diffiċli li nevita l-impressjoni li r-rilevanza ta' din il-kwistjoni

1 — Lingwa oriġinali: il-Portuġiż.

2 — Sentenza tal-15 ta' Ġunju 2006, (C-28/05, Ġabra p. I-5431).

3 — ĠU L 315, p. 11, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 90/423/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 (ĠU L 224, p. 13).

4 — Sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1995 (C-312/93, Ġabra p. I-4599).

5 — Sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1995 (C-430/93 u C-431/93, Ġabra p. I-4705).

għas-soluzzjoni tal-kawżi prinċipali hija inċidentali. Fil-fatt, it-talba tal-qorti tar-rinviju għal gwida tidher li toriġina mill-interess iktar ġenerali ta' kjarifika tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan is-suġġett.

II — Il-fatti u d-domandi mressqa għal deċiżjoni preliminari

4. Il-kawża quddiem il-College van Beroep voor het bedrijfsleven tqajmet bħala konsegwenza tat-tifqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fl-2001, li laqtet diversi Stati Membri. Bħala risposta għal din it-tifqigħa, l-awtoritajiet fl-Olanda ħadu miżuri sabiex jipprevjenu iktar tixrid tal-marda [6]. Dawn il-miżuri kienu jinkludu l-qtil preventiv ta' annimali b'difer mifruq fuq impriżi agrikoli li jinsabu qrib l-impriża agrikola kontaminata.

5. Abbażi tar-riżultati ta' eżamijiet li saru fil-laboratorju ID-Lelystad BV (iktar 'il quddiem "ID-Lelystad"), ir-Rijksdienst voor de keuring van Vee en Vlees (Spettorat Nazzjonali tal-Bhejjem u tal-Laħam, iktar 'il quddiem ir-"RVV") ikkonkluda li fl-impriżi agrikoli tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu qrib l-impriża agrikola kontaminata. Ir-RVV, għalhekk, ordna l-qtil preventiv ta' l-annimali fl-impriżi agrikoli tar-rikorrenti.

6. Fil-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti kkontestaw il-legalità tad-deċiżjoni li jinqatlu l-annimali abbażi ta' diversi motivi. Il-qorti tar-rinviju ċaħdet dawn il-motivi. Madankollu, ir-rikorrenti, f'sensiela ta' kawżi simili wkoll pendenti quddiem dik il-qorti kienu kkontestaw il-legalità ta' deċiżjonijiet simili abbażi tal-motiv addizzjonali li ID-Lelystad ma kienx imsemmi fl-Anness B tad-Direttiva 85/511. Dan l-argument wassal għar-rinviju għal deċiżjoni preliminari li ta lok għad-deċiżjoni f'Dokter *et* [7].

7. Il-kwistjonijiet f'Dokter *et* ikkonċernaw l-Artikoli 11 u 13 tad-Direttiva 85/511. Skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 11(1) u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 13(1), l-Istati Membri jridu jassiguraw li l-manipulazzjoni tal-marda ta' l-ilisen u d-dwiefer għal djanjożi ssir biss minn laboratorji approvati fl-Anness B tad-Direttiva. Il-laboratorju indikat għall-Olanda kien CIDC-Lelystad. ID-Lelystad inħoloq minn CIDC-Lelystad wara sensiela ta' amalgamazzjonijiet u suċċessjonijiet iżda

6 — Ara wkoll is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Jippes *et* (C-189/01, Ġabra p. I-5689), u ta' l-10 ta' Marzu 2005, Tempelman u van Schaijk (C-96/03 u C-97/03, Ġabra p. I-1895).

7 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

qatt ma tniżżel fl-Anness B. Il-qorti tar-rinviju għalhekk talbet kjarifiki dwar il-konsegwenzi ta' l-għażla ta' laboratorji ta' riferiment taħt id-Direttiva. Barra minn hekk, hija saqsiet jekk l-awtorità nazzjonali, skond id-dritt Komunitarju, hijiex marbuta bir-riżultati pprovduti mil-laboratorju li wettaq l-eżamijiet.

8. Peress li r-rinviju f'Dokter *et* kien għadu pendenti, il-College van Beroep voor het bedrijfsleven iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja eżattament l-istess domandi fil-kawżi attwalment in kwistjoni. Mandankollu, din id-darba saqsiet ukoll jekk id-dritt Komunitarju jobbligahiex tqajjem il-kwistjoni rigward l-istatus ta' ID-Lelystad *ex officio*.

9. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat sentenza f'Dokter *et* fil-15 ta' Ġunju 2006. Fid-dawl ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet ittra lill-qorti nazzjonali fejn saqsietha jekk din xtaqitx iżżomm it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari f'dawn il-kawżi. B'ittra tas-27 ta' Lulju 2006 din il-qorti rrispondiet fl-affermattiv.

10. F'dawn il-konklużjonijiet, ser neżamina biss il-kwistjoni dwar jekk id-dritt komunitarju jeżiġix li l-qorti nazzjonali tmur lil hinn mill-kuntest tal-kontroversja kif iddefinita mill-partijiet sabiex teżamina, *ex officio*, motivi bbażati fuq id-Direttiva 85/511. Rigward il-kwistjonijiet l-oħra mqajma, nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tirreferi għal darb'oħra għal-konklużjonijiet tiegħi f'Dokter *et* u, ovvjament, għad-deċiżjoni tagħha f'dik il-kawża.

III — Kunsiderazzjonijiet

L-ammissibbiltà

11. Regoli nazzjonali li jirrestringu qorti milli tqajjem motiv *ex officio* ma jistgħux jostakolaw rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn ir-regoli humiex kompatibbli mad-dritt Komunitarju [8]. Madankollu, dan ir-rinviju jkun inammissibbli jekk l-istħarriġ mhuwiex neċessarju sabiex tiġi solvuta l-kontroversja fil-kawżi prinċipali [9].

8 — Ara s-sentenza Peterbroeck, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 13. Ara s-sentenzi tas-16 ta' Jannar 1974, Rheinmühlen Düsseldorf (166/73 Ġabra p. 33, punti 2 u 3), u ta' l-14 ta' Diċembru 2000, Fazenda Pública (C-446/98, Ġabra p. I-11435, punt 48).

9 — Ara, fuq dan il-punt, is-sentenzi tat-3 ta' Frar 1983, Robards (149/82, Ġabra p. 171, punt 19); tas-16 ta' Lulju 1992, Meilicke, (C-83/91, Ġabra p. I-4871, punt 25); u tal-21 ta' Marzu 2002, Cura Anlagen, (C-451/99, Ġabra p. I-3193, punt 26).

12. Wieħed jista' jiġi skużat jekk jaħseb li d-domanda li għaliha l-qorti tar-rinviju bħalissa trid risposta hija kważi ipotetika. Fil-fatt, il-Kummissjoni kienet sostniet waqt is-seduta li, minħabba d-deċiżjoni f'Dokter *et*, ir-risposta għal din id-domanda mhijiex ser tinfluwenza l-eżitu tal-kawżi prinċipali. Għalkemm jiena nista' nifhem din l-opinjoni, ma nikkundsidrax l-argument konvinċenti biżżejjed sabiex nikkonkludi li d-domanda mressqa mill-qorti nazzjonali hija inammissibbli. Bħala prinċipju hija l-qorti tar-rinviju li għandha "tiddetermina kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja" [10]. Barra minn dan, l-effett tad-deċiżjoni f'Dokter *et* għadu mhux ċert, peress li din id-deċiżjoni ħalliet xi marġni ta' diskrezzjoni lill-qorti tar-rinviju. Għal dawn ir-raġunijiet nikkunsidra li d-domanda hija ammissibbli.

Ir-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju fir-rigward tar-regoli nazzjonali tal-proċedura

13. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, ripetutament, il-"prinċipju ta' awtonomija proċedurali", li jfisser li qrati nazzjonali, meta japplikaw id-dritt komunitarju, jistgħu jagħmlu dan skond ir-regoli nazzjonali tal-proċedura. Għalhekk, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni ta' dawn ir-regoli, "huwa l-ordinament ġuridiku nazzjonali ta' kull Stat Membru li għandu jistabbilixxi l-qrati kompetenti u jirregola l-modalitajiet proċedurali ta' rimedji ġudizzjarji intiżi biex jassiguraw il-ħarsien tad-drittijiet ta' l-individwi li jitnisslu mill-effett dirett tad-dritt Komunitarju" [11].

14. Madankollu, dan ma jeżentax għal kollox ir-regoli nazzjonali tal-proċedura mir-rekwiżiti imposti mid-dritt Komunitarju. Skond ġurisprudenza stabbilita, ir-regoli nazzjonali tal-proċedura għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività [12].

15. Il-prinċipju ta' ekwivalenza jfisser li l-istess regoli tal-proċedura japplikaw għal talbiet ibbażati fuq id-dritt Komunitarju kif japplikaw għal talbiet simili bbażati fuq il-liġi nazzjonali [13].

10 — Ara s-sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1995, Sanz de Lera *et*, (C-163/94, C-165/94 u C-250/94, Ġabra p. I-4821, punt 15). Ara wkoll is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold, (C-144/04, Ġabra p. I-9981, punti 32 sa 38).

11 — Sentenza van Schijndel u van Veen, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 17. Ara wkoll, per eżempju, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe (33/76, Ġabra p. 1989, punt 5); u Comet (45/76, Ġabra p. 2043, punt 13); tat-28 ta' Settembru 1994, Fisscher (C-128/93, Ġabra p. I-4583, punt 39); tas-6 ta' Diċembru 1994, Johnson (C-410/92, Ġabra p. I-5483, punt 21); u tal-11 ta' Diċembru 1997, Magorrian u Cunningham (C-246/96, Ġabra p. I-7153, punt 37).

12 — Ara, per eżempju, is-sentenzi tal-15 ta' Settembru 1998, Edis (C-231/96, Ġabra p. I-4951, punt 34); ta' l-20 ta' Settembru 2001, Courage vs Crehan (C-453/99, Ġabra p. I-6297, punt 29); tas-17 ta' Ġunju 2004, Recheio - Cash & Carry (C-30/02, Ġabra p. I-6051, punt 17); u tal-5 ta' Ottubru 2006, Nádasdi (C-290/05 u C-333/05, punt 69).

13 — Ara, per eżempju, is-sentenzi Rewe-Zentralfinanz, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 6, u tas-16 ta' Mejju 2000, Preston *et* (C-78/98, Ġabra p. I-3201, punt 31).

16. Il-prinċipju ta' effettività jfisser li l-għoti ta' drittijiet mid-dritt Komunitarju għandu jkollu tifsira fil-prattika. Huwa jesprimi, essenzjalment, fir-rigward tad-drittijiet mogħtija mid-dritt Komunitarju, ir-regola magħrufa li fejn hemm dritt, għandu jkun hemm rimedju [14]. Fi kliem l-Avukat Ġenerali Jacobs: "individwu li jikkunsidra li sofra preġudizzju minn deċiżjoni li ċċaħdu minn dritt jew minn vantaġġ taħt id-dritt komunitarju għandu jkollu aċċess għal rimedju kontra din il-miżura u għandu jkollu l-possibbiltà li jikseb ħarsien ġudizzjarju" [15]. Il-prinċipju ta' effettività għalhekk jipprekludi regoli tal-proċedura li jirrendu l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mill-Kummissjoni prattikament impossibbli jew diffiċli wisq [16].

17. Għalhekk, filwaqt li l-prinċipju ta' effettività jimponi livell minimu ta' trattament proċedurali, li għandu jiġi ggarantit lil dawk li għandhom dritt Komunitarju, il-prinċipju ta' ekwivalenza jassigura li t-trattament proċedurali ta' dawk li għandhom drittijiet Komunitarji ma jkunx anqas minn dawk li għandhom dritt simili mogħti minn liġi nazzjonali.

18. Dawn il-prinċipji kollha jipprovdu wkoll il-bażi li fid-dawl tiegħu għandha tiġi evalwata regola nazzjonali tal-proċedura li tillimita l-possibbiltà għal qorti li tqajjem motiv *ex officio*. Għalhekk, skond il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt Komunitarju ma jeżiġix li l-qorti nazzjonali tqajjem motivi ta' dritt Komunitarju *ex officio* meta l-partijiet ikunu naqsu li jagħmlu dan [17]. Mandankollu, il-ġurisprudenza turi wkoll li għal din ir-regola hemm eċċezzjonijiet skond il-prinċipju ta' effettività u l-prinċipju ta' ekwivalenza.

19. Il-qafas teoretiku deskritt s'issa jista' jidher raġjonevolment sempliċi. Mandankollu, l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' effettività u ekwivalenza rriżultat f'dak li jidher li hu, mad-daqqa t'għajn, sensiela ta' deċiżjonijiet kif ġie ġie. Ser nipprova niddeskrivi kif dawn id-deċiżjonijiet varji — kif ukoll il-kawżi li qed jiġu kkunsidrati hawnhekk — jistgħu madankollu jiġu spjegati skond il-prinċipju involut, billi nibda bil-kawżi li jikkorrispondu mal-prinċipju ta' effettività.

14 — Sentenza tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame *et* (C-213/89 Ġabra p. I-2433); tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, Ġabra p. I-5357); u Courage vs Crehan, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12.

15 — Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Jacobs ippreżentati fil-21 ta' Marzu 2002 fil-kawża Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill (sentenza tal-25 ta' Lulju 2002, C-50/00 P, Ġabra p. I-6677, punt 38). Ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1987, Heylens *et* (222/86, Ġabra p. I-4097, punti 15 sa 17).

16 — Ara, per eżempju, Peterbroeck, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 14, u Courage vs Crehan, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punti 25 sa 29.

17 — Sentenza van Schijndel u van Veen, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 22. Lanqas ma d-dritt Komunitarju *jipprekludi* qrati nazzjonali milli jieħdu dispożizzjonijiet talliġi Komunitarja in kunsiderazzjoni anki jekk il-partijiet ma invokawhomx (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1991, Verholen *et*, C-87/90 sa C-89/90, Ġabra p. I-3757, punti 12 sa 16, u tad-19 ta' Ġunju 2003, GAT, C-315/01, Ġabra p. I-6351, punti 46 u 50).

Il-prinċipju ta' effettività

20. L-ewwel waħda minn dawn il-kawżi, Peterbroeck [18], mill-ewwel tqajjem il-kwistjoni dwar kif l-applikazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-prinċipju ta' effettività jista' jiġi spjegat kif suppost, speċjalment fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-istess ġurnata f'van Schijndel u van Veen [19]. F'Peterbroeck, il-Qorti tal-Ġustizzja skartat regola tal-proċedura li żammet lill-qorti nazzjonali milli tikkunsidra *ex officio* jekk miżura ta' liġi nazzjonali kinitx kompatibbli mad-dritt Komunitarju, filwaqt li f'van Schijndel u van Veen il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat regola apparentement simili.

21. Iż-żewġ kawżi kienu jirrigwardaw il-prinċipju ta' effettività: ir-regola tal-proċedura in kwistjoni għamlitha eċċessivament diffiċli li jiġi eżerċitat dritt mogħti mid-dritt komunitarju? Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet evalwazzjoni fattwali fir-rigward tal-proċedura kollha kemm hi. F'van Schijndel u van Veen, ir-rikorrenti kienu saqsew lill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema ta' l-Olanda) tannulla żewġ deċiżjonijiet tar-Rechtbank Breda (il-Qorti Reġjonali ta' Breda) għar-raġuni li dik il-qorti kellha tqis, *ex officio*, ir-regoli tat-Trattat fuq il-kompetizzjoni u fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Bħala risposta għar-rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Hoge Raad, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fiċ-ċirkustanzi in kwistjoni, id-dritt Komunitarju ma jobbligax lill-qrati nazzjonali jitbegħdu mir-regoli nazzjonali tal-proċedura u jmorru lil hinn mill-kontroversja kif iddefinita mill-partijiet.

22. Is-sitwazzjoni f'Peterbroeck, mandankollu, kienet differenti. Din kienet tirrigwarda appell kontra deċiżjoni ta' l-awtoritajiet tat-taxxa Belġjani. Bħala prinċipju, l-istħarriġ ġudizzjarju ta' dik id-deċiżjoni kien limitat għal-motivi li fuqhom ir-rikorrent kien invoka waqt il-proċedura amministrattiva. Ladarba dik il-proċedura spiċċat, ir-rikorrent kellu 60 ġurnata biex iqajjem motivi ġodda — inklużi dawk ibbażati fuq id-dritt Komunitarju — quddiem il-qorti kompetenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-limitu, fid-dawl tal-kuntest legali u prattiku tiegħu, fil-fatt fixkel il-possibbiltà ta' drittijiet eżerċitati mid-dritt Komunitarju.

23. Il-kwistjoni dwar jekk fil-prattika huwiex eċċessivament diffiċli li jiġi eżerċitat dritt jista' jkun suġġett ta' interpretazzjoni — li jispjega għaliex Peterbroeck u van Schijndel u van Veen kellhom riżultat differenti abbażi ta' ftit fatturi biss. Mandankollu hemm ċirkustanzi, li fihom ikun jidher li, mingħajr il-possibbiltà li qorti nazzjonali tqajjem

18 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

19 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

motiv *ex officio* bbażat fuq id-dritt Komunitarju, ikun estremament diffiċli għall-partijiet li jiksbu l-ħarsien ġudizzjarju fejn id-dritt komunitarju tagħtihom dritt. Océano Grupo Editorial u Salvat Editores [20] u Cofidis [21] jagħtu eżempju.

24. F'Océano Grupo Editorial u Salvat Editores u Cofidis, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-possibbiltà ta' qorti li tqajjem motiv *ex officio* tista' tkun impliċita fit-termini ta' direttiva, meta tkun mezz meħtieġ sabiex jinkiseb l-għan ta' dik id-direttiva [22]. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-setgħa ta' qorti nazzjonali li tiddetermina, *ex officio*, li l-klawżola ta' ġurisdizzjoni, f'kuntratt mal-konsumatur tammonta għal klawżola inġusta, kienet neċessarja sabiex jinkiseb l-għan tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE [23]. Dak l-għan kien, wara kollox, li jħares il-konsumaturi kontra klawżoli f'kuntratti konklużi mal-konsumatur. Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-Direttiva skond il-prinċipju ta' effettività. Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja ma għamlitx hekk, "is-sitwazzjoni paradossali kienet [tqum] fejn il-konsumatur kien [ikun] obbligat jidher quddiem qorti f'post ieħor li ma jkunx il-post ta' residenza tiegħu preċiżament sabiex ikun jista' jargumenta li l-klawżola kuntrattwali li tobbligah jagħmel dan hija klawżola inġusta!" [24].

25. Forsi l-ġurisprudenza tista' l-aħjar tiġi miġbura fil-qosor kif ġej: il-prinċipju ta' effettività ma jimponix obbligu fuq il-qrati nazzjonali li jqajmu motivi *ex officio* bbażati fuq id-dritt komunitarju, ħlief f'ċirkustanzi fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġi assigurat li l-ħarsien ġudizzjarju jkun disponibbli meta d-dritt Komunitarju jagħti dritt. Mandankollu, qrati nazzjonali għandhom obbligu li jintervjenu meta dan ikun neċessarju sabiex jiġi ggarantit il-ħarsien ta' drittijiet mogħtija mid-dritt Komunitarju. Madankollu, il-prinċipju ta' effettività ma jfissirx dmir ġenerali għall-qrati nazzjonali li jassiguraw, taħt iċ-ċirkustanzi kollha, l-applikazzjoni ta' regoli li jirriżultaw mill-ordinament ġuridku Komunitarju.

26. Dan huwa differenti meta r-regola Komunitarja in kwistjoni tkun fundamentali? Fid-digriet tagħha, il-qorti tar-rinviju tikkontempla l-possibbiltà li xi normi jistgħu jkunu ta' importanza kruċjali li d-dritt Komunitarju tikkunsidrahom bħala regoli ta' "ordni pubbliku" u, għaldaqstant, dan jirrikjedi li l-qrati nazzjonali japplikawhom *ex officio*. F'dan ir-

20 — Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000 (C-240/98 sa C-244/98, Ġabra p. I-4941).

21 — Sentenza tal-21 ta' Novembru 2002 (C-473/00, Ġabra p. I-10875).

22 — Sentenzi Océano Grupo Editorial u Salvat Editores, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, punt 26, u Cofidis, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, punti 32 u 33.

23 — Direttiva tal-5 ta' April 1993, klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, p.29).

24 — Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Saggio f'Océano Grupo Editorial u Salvat Editores, punt 24.

rigward, il-qorti tar-rinviju ssemmi d-deċiżjoni f'Eco Swiss [25]. Dik il-kawża kienet tikkonċerna talba għal annullament ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ. L-arbitru kien ta kumpens għal danni bħala riżultat ta' l-għeluq tal-ftehim ta' liċenzja. Waqt il-proċeduri ta' arbitraġġ, il-kwistjoni dwar jekk il-ftehim kienx null taħt l-Artikolu 81 KE ma tqajmitx. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-qorti nazzjonali kellha tilqa' t-talba għall-anullament tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ jekk hija tikkunsidra li d-deċiżjoni kienet tmur kontra l-Artikolu 81 KE u jekk regoli nazzjonali tal-proċedura kienu jeżiġu li tilqa' t-talba għal annullament ibbażata fuq nuqqas ta' osservazzjoni tar-regoli nazzjonali ta' ordni pubbliku [26].

27. Mandankollu, ikun żbaljat li wieħed jikkonkludi minn Eco Swiss li l-prinċipju ta' effettività jeżiġi li xi normi Komunitarji, minħabba l-importanza tagħhom għall-ordinament ġuridiku Komunitarju, għandhom jiġu applikati mill-qrati nazzjonali anki fejn il-partijiet ikunu naqsu li jinvokawhom. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni ta' Eco Swiss ma tkunx taqbel mas-sentenza f'van Schijndel u van Veen. Bla ebda dubju, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat f'Eco Swiss li l-Artikolu 81 KE kien jikkostitwixxi "dispożizzjoni fundamentali li hija essenzjali għat-twettiq tax-xogħol fdat lill-Komunità" [27]. Mandankollu, l-istess dispożizzjoni kienet ukoll in kwistjoni f'van Schijndel u van Veen, u hemmhekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mhemmx obbligu li wieħed japplika l-Artikolu 81 KE. Minn dan isegwi li l-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjoni taħt kunsiderazzjoni hijiex waħda ta' ordni pubbliku mhijiex deċiżiva għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' effettività. Fil-fatt, kif ser nispjega iktar 'il quddiem, Eco Swiss tappartjeni, l-ewwel u qabel kollox, għall-grupp ta' każijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-prinċipju ta' ekwivalenza.

28. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet għamlet stqarrija fuq il-prinċipju ta' effettività f'Eco Swiss. Wara li ddeċidiet il-kawża abbażi tal-prinċipju ta' ekwivalenza, il-Qorti tal-Ġustizzja iktar tard innotat li "kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni tal-projbizzjoni msemmija fl-[Artikolu 81(1) KE] jistgħu jiġu eżaminati mill-qrati nazzjonali meta huma jintalbu jiddeċiedu fuq il-validità ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ" [28]. It-tħassib prinċipali tal-Qorti tal-Ġustizzja jidher li kien li rimedju ġudizzjarju jrid jkun disponibbli sabiex tiġi tikkontesta deċiżjoni ta' arbitraġġ li tikser l-Artikolu 81 KE [29]. Għalhekk, regola nazzjonali li tillimita l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ għal-motivi invokati mir-rikorrent waqt il-proċedimenti ta' arbitraġġ tikser il-prinċipju ta' effettività. Il-fatt li

25 — Sentenza ta' l-1 ta' Ġunju 1999 (C-126/97, Ġabra p. I-3055).

26 — *Ibid*, punt 41.

27 — *Ibid*, punt 36

28 — *Ibid*, punt 40.

29 — Il-liġi nazzjonali tista' naturalment tirrikjedi li l-kontestazzjoni titressaq fi żmien raġjonevoli (ara l-punti 43 sa 48 tas-sentenza Eco Swiss).

l-partijiet kellhom l-opportunità joqgħodu fuq motivi bbażati fuq id-dritt Komunitarju waqt il-proċedimenti ta' arbitraġġ ma jiggarantix ħarsien ġudizzjarju komplet, għaliex dawn il-proċedimenti — bħall-istħarriġ ġudizzjarju f'Peterbroeck — ma jikkostitwixxux proċedimenti ġudizzjarji fil-veru sens tal-kelma [30].

29. Fi kliem ieħor, il-prinċipju ta' effettività ma jimponix dmir fuq il-qrati nazzjonali li jqajmu motiv ibbażat fuq id-dritt komunitarju *ex officio*, anki meta l-motiv jikkonċerna dispożizzjoni ta' importanza fundamentali għall-ordinament ġuridiku Komunitarju. Madankollu, il-prinċipju ta' effettività jeżiġi li l-partijiet jingħataw opportunità ġenwina li jqajmu motiv ibbażat fuq id-dritt Komunitarju quddiem qorti nazzjonali. Kieku ma kienx hekk, il-qorti nazzjonali għandha jkollha s-setgħa li tqajjem dan il-motiv *ex officio*.

30. Huwa paċifiku li, fil-kawżi in kwistjoni, il-partijiet kellhom opportunità ġenwina jqajmu l-motiv ibbażat fuq l-Artikoli 11 u 13 tad-Direttiva 85/511 fis-sottomissjonijiet tagħhom lill-qorti nazzjonali. Kuntrarjament għal dak li kien il-każ f'Peterbroeck, regoli nazzjonali tal-proċedura ma jagħmluhiex eċċessivament diffiċli li tistrieħ fuq dawn id-dispożizzjonijiet. Is-sempliċi fatt li l-partijiet naqsu li jagħmlu dan ma joħloqx obbligu fuq il-qorti nazzjonali li din tagħti għajnuna u ssewwi n-nuqqas minħabba l-prinċipju ta' effettività.

31. Barra minn dan, kif osservat ġustament il-qorti tar-rinviju, id-Direttiva 85/511 ma tirrikjedix li l-Artikoli 11 u 13 għandhom jiġu applikati mill-qrati nazzjonali *ex officio*. Lgħan tad-Direttiva, kif spjegat fl-Artikolu 1, huwa li jiddefinixxi l-"miżuri minimi ta' kontroll tal-Komunità li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tfaqqigħ tal-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer" u għalhekk tipproteġi s-saħħa tal-bhejjem fil-Komunità kollha kemm hi [31]. Huwa diffiċli li jiġi konkluż li dan il-għan jista' jinkiseb biss jekk il-qorti nazzjonali tirrikonoxxi li għandha s-setgħa li tqajjem *ex officio* l-motiv li d-deċiżjoni li jinqatlu l-annimali tar-rikorrenti sabiex tiġi mwaqqfa l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer kienet ibbażata fuq eżamijiet magħmula minn laboratorju li ma kienx iskritt fl-Anness B tad-Direttiva. Safejn id-Direttiva

30 — F'dak ir-rigward, id-deċiżjoni f'Eco Swiss hija konsistenti mad-deċiżjoni tal-Qorti li tribunal ta' arbitraġġ ikkostitwit skond ftehim taħt liġi privata, mingħajr intervent ta' Stat, m'għandux jiġi kkunsidrat bħala qorti jew tribunal għall-għanijiet ta' l-Artikolu 234 KE u għalhekk ma jistgħux isiru riferenzi għal deċiżjoni preliminari taħt dan l-Artikolu (sentenza tat-23 ta' Marzu 1982, Nordsee vs Reederei Mond,102/81, Ġabra p. 1095).

31 — Ara l-preambolu tad-Direttiva 85/511.

hija intiża li tagħti drittijiet lir-rikorrenti, il-ħarsien ġudizzjarju effettiv ta' dawn id-drittijiet jista' fil-prinċipju jinkiseb ukoll mingħajr l-obbligu fuq il-qorti nazzjonali li tinvoka d-Direttiva *ex officio*. F'dan il-kuntest, il-kawżi preżenti huwa differenti ħafna minn Océano Grupo Editoria u Salvat Editores u Cofidis.

32. Għalhekk, il-prinċipju ta' effettività ma jirrikjedix li l-qorti nazzjonali għandha teżamina l-motiv ibbażat fuq l-Artikoli 11 u 13 tad-Direttiva 85/511 *ex officio*. Il-kwistjoni tibqa', madankollu, jekk dan ir-rekwiżit isegwix mill-prinċipju ta' ekwivalenza.

Il-prinċipju ta' ekwivalenza

33. Fejn il-liġi nazzjonali tal-proċedura tagħti lil qorti l-possibbiltà li tqajjem motivi *ex officio*, il-prinċipju ta' ekwivalenza jirrikjedi li dik il-possibbiltà testendi għal motivi bbażati fuq id-dritt Komunitarju. Fil-fatt, dwar motivi bbażati fuq id-dritt Komunitarju, il-prinċipju ta' kooperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 10 KE jġib miegħu dmir tal-qrati nazzjonali li jagħmlu użu minn din il-possibbiltà [32]. Iżda, is-setgħa tal-qrati li jqajmu motivi bbażati fuq liġi nazzjonali *ex officio* hija normalment ristretta ħafna. Bħala rizultat, il-problema tqum kif dawn ir-limitazzjonijiet jolqtu d-dmir li tqajjem motivi ta' dritt Komunitarju.

34. Fi kliem ieħor, fejn il-qrati nazzjonali għandhom is-setgħa li jeżaminaw *ċerti* motivi bbażati fuq il-liġi nazzjonali *ex officio*, il-prinċipju ta' ekwivalenza jirrikjedi li huma jkollhom din is-setgħa f'dak li jirrigwarda motivi *ekwivalenti* bbażati fuq id-dritt Komunitarju. Il-kwistjoni hija, għalhekk, kif tiddetermina liema motivi huma "ekwivalenti".

35. Eco Swiss tipprovdi eżempju [33]. Ir-regoli nazzjonali tal-proċedura in kwistjoni f'din il-kawża kienu jipprovdu li l-annullament ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ tista' tiġi ordnata biss fuq numru limitat ta' motivi, inkluż il-motiv

32 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ta' l-24 ta' Ottubru 1996, Kraaijeveld *et* (C-72/95, Ġabra p. I-5403, punti 57 u 58), u kif ukoll van Schijndel u van Veen, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punti 13 u 14.

33 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25.

li d-deċiżjoni kienet "kontra l-ordni pubbliku" [34]. Il-qorti tar-rinviju spjegat li, skond ir-regoli nazzjonali tal-proċedura ċivili, deċiżjoni ta' arbitraġġ kienet tmur kontra l-ordni pubbliku "biss jekk it-termini jew implementazzjoni tagħha [kienu inkompatibbli] mar-regola mandatorja tant fundamentali li ebda restrizzjonijiet ta' natura proċedurali għandhom jipprevjenu l-applikazzjoni tagħha" [35]. Il-qorti tar-rinviju wkoll irrilevat li deċiżjoni ta' arbitraġġ li tmur kontra regoli nazzjonali tal-liġi ta' kompetizzjoni ma kinitx ġeneralment meqjusa li tmur kontra l-ordni pubbliku [36]. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ddeċidiet li, mill-aspett tad-dritt Komunitarju, il-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 81 KE hija regola mandatorja fundamentali. Għalhekk, l-Artikolu 81 KE fil-fatt kellu l-istess status bħar-regoli nazzjonali ta' ordni pubbliku [37]. Bħala konsegwenza, il-prinċipju ta' ekwivalenza kien jirrikjedi li l-qorti nazzjonali għandha tilqa' t-talba għall-annullament ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ jekk hija tqis li d-deċiżjoni kienet tmur kontra l-Artikolu 81 KE [38].

36. F'dawn il-kawżi, il-kunċett ta' "ordni pubbliku" huwa użat f'sens differenti ħafna.

Id-dispożizzjoni rilevanti tal-liġi nazzjonali hija l-Artikolu 8:69(1) tal-Kodiċi Ġenerali tal-liġi amministrattiva (Algemene Wet Bestuursrecht, iktar 'il quddiem "Awb"), li jipprovdi:

"Il-qorti li quddiemha jitressqu l-proċedimenti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha abbażi tar-rikors, id-dokumenti ppreżentati, l-investigazzjoni preliminari u s-suġġett talkawża fis-seduta"

L-Artikolu 8:69 Awb ikompli jgħid li l-qorti għandha d-dmir li tissupplementa motivi legali. Mandankollu, meta tagħmel hekk il-qorti għandha tibqa' fil-kuntest tal-kontroversja kif iddefinita mill-partijiet. Tista' biss tmur lil hinn mill-kuntest tal-kontroversja sabiex teżamina *ex officio* motivi ta' ordni pubbliku [39].

34 — *Ibid*, punt 7.

35 — *Ibid*, punt 24.

36 — *Ibid*, punt 24.

37 — Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et* (C-295/04 sa C-298/04, Ġabra p. I-6619, punt 31).

38 — Ara, b'mod partikolari, il-punt 37 ta' Eco Swiss.

39 — Jans, J. H., *Doorgeschoten? Enkele opmerkingen over de gevolgen van de Europeanisering van het bestuursrecht voor de grondslagen van de bestuursrechtspraak*, Amsterdam: Europa Law Publishing, 2005; D. Brugman, 'Ambtshalve toetsing afgebakend: de plaats van ambtshalve toetsing in het bestuursprocesrecht in nationaal- en Europeesrechtelijk perspectief', *Nederlands Tijdschrift voor bestuursrecht*, 2005, vol. 8, pp. 265 sa 277; Tak, A. Q. C., *Het Nederlands bestuursprocesrecht in theorie en praktijk*, Nijmegen: Wolf Legal Publishers, 2005, p. 497; Van Ballegooij, G. A. C. M., Barkhuysen, T., Brenninkmeijer, A. F. M., D Ouden, W. u Polak, J. E. M., *Bestuursrecht in het Awb-tijdperk*, Deventer: Kluwer, 2004, p. 232; Van Wijk, H. D., Konijnenbelt, W., u Van Male, R. M., *Hoofdstukken van bestuursrecht*, Den Haag: Elsevier juridisch, 2002, p. 616; De Haan, P., Drupsteen, T. G. u Fernhout, R., *Bestuursrecht in de sociale rechtsstaat*, Deventer: Kluwer, 1998, p. 348; TEN Berge, J. B. J. M., De Waard, B. W. N., u Widdershoven, R. J. G. M., *Het bestuursprocesrecht*, Deventer: W. E. J. Tjeenk Willink, 1996, pp. 193 sa 204.

37. Il-kunċett ta' ordni pubbliku, f'dan il-kuntest, huwa ddefinit fil-ġurisprudenza nazzjonali. Huwa jixbah il-kunċett ta' ordni pubbliku kif inhu f'kuntest analogu, mill-Qorti tal-Prim'Istanza [40]. Taħt il-liġi amministrattiva Olandiża, motivi ta' ordni pubbliku jikkonċernaw prinċipalment il-ġurisdizzjoni tal-qorti, l-ammissibbiltà ta' l-azzjoni, jew il-kompetenza tal-korp amministrattiv li jkun ta d-deċiżjoni kkontestata [41]. Il-problema ta' ekwivalenza għandha tiġi solvuta b'riferiment għal dawn il-motivi u għal interessi li jfittxu li jipproteġu fl-ordinament ġuridiku nazzjonali.

38. Bħala prinċipju, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jidentifikaw dawn l-interessi. Meta jkunu għamlu hekk, għandu jiġi vverifikat, mill-perspettiva ta' l-ordinament ġuridiku Komuntarju, liema dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju jħarsu interessi ekwivalenti — jiġifieri, interessi li għalihom l-ordinament ġuridiku Komunitarju jattribwixxi rwol u status ekwivalenti għal dak ta' l-interessi in kwistjoni fuq livell nazzjonali.

39. L-Artikoli 11 u 13 tad-Direttiva 85/511 huma intiżi li jħarsu l-interessi relatati massaħħa pubblika u mas-saħħa tal-bhejjem fil-Komunità. B'mod iktar speċifiku, dawn id-dispożizzjonijiet jippruvaw jiksbu koordinazzjoni essenzjali bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer [42].

40. Jista' jingħad b'ċertezza, anki mingħajr ma nagħmel analiżi dettaljata tal-liġi nazzjonali, li dawn l-interessi mhumiex ekwivalenti għall-interessi li għalihom il-qorti tarrinviju għandha s-setgħa li teżamina motivi *ex officio*.

41. Konsegwentement, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawżi prinċipali, id-dritt Komunitarju ma jirrikjedix li l-qorti nazzjonali tmur lil hinn mill-ambitu tal-kontroversja kif iddefinita mill-partijiet fl-Artikoli 11 u 13 tad-Direttiva 85/511.

40 — Ara, per eżempju, is-sentenzi tat-8 ta' Lulju 2004, Mannesmannröhren-Werke vs Il-Kummissjoni (T-44/00, Ġabra p. II-2223, punt 178); ta' l-1 ta' Diċembru 2004 (Kronofrance vs Il-Kummissjoni (T-27/02, Ġabra p. II-4177, punt 30); tat-22 ta' Frar 2006, Standertskjöld-Nordenstam vs Il-Kummissjoni (T 437/04 u T-441/04, li għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġabra, punt 28); tat-13 ta' Lulju 2006, Andrieu vs Il-Kummissjoni (T 285/04, li għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġabra, punt 129); tad-19 ta' Settembru 2006, Lucchini vs Il-Kummissjoni (T-166/01, Ġabra p. II-2875, punt 144), u tat-3 ta' Ottubru 2006, Nijs vs Il-Qorti ta' l-Awdituri (T-171/05, li għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġabra, punt 31). Ara wkoll, per eżempju, is-sentenzi tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (C-417/04 P, Ġabra p. I-3881, punt 36); ta' l-4 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-98/04, Ġabra p. I-4003, punt 16); u ta' l-1 ta' Ġunju 2006, P & O Ferries u Diputación vs Il-Kummissjoni (C-442/03 P u C-471/03 P, Ġabra p. I-4845, punt 45).

41 — Ara l-letteratura ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39.

42 — Ara wkoll il-punt 23 tal-Konklużjonijiet tiegħi f'*Dokter et*, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

IV — Konklużjoni

42. Jien għalhekk tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven:

"F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawżi prinċipali, id-dritt komunitarju ma jeżiġix li l-qorti nazzjonali tmur lil hinn mill-ambitu tal-kontroversja kif iddefinita mill-partijiet sabiex teżamina *ex officio* motivi bbażati fuq l-Artikoli 11 u 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/511/KEE tat-18 ta' Novembru 1985, li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 90/423/KEE, tas-26 ta' Ġunju 1990."